MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 903/2002

**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.**

**IMHALLEF:**

**ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 11 ta' Novembru, 2003.**

**Kawza Nru: 37.**

**Citaz Nru: 903/02.**

**Saviour Aquilina.**

**-vs-**

**Carmelo Gatt.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressaq fis-6 t' Awissu, 2002, li fiha l-attur ippremetta:

Billi l-konvenut jinsab debitur ta' l-attur fis-somma ta' disat elef, hames mija u hdax-il Lira Maltin u erbghin centezmu (Lm9,511.40) rapprezentanti prezz ta' laham mibjugh u kkonsenjat mill-attur lill-konvenut bejn is-sena 2000 u s-sena korrenti.

Billi nonostante interpellat diversi drabi sabiex ihallas dan l-ammont il-konvenut baqa' ma hallasx is-somma dovuta minnu:

Ghalhekk l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' disat elef, hames mija u hdax-il Lira Maltin u erbghin centezmu (Lm9,511.40) rapprezentanti prezz ta' laham mibjugh u kkonsenjat mill-attur lill-konvenut bejn is-sena 2000 u s-sena korrenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Lulju, 20002 u tal-mandat kawtelatorju ta' Qbid ipprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali b' effett mid-data tal-konsenji relattivi sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-attur li pprezenta fl-udjenza tal-31 t' Ottubru, 2003, li permezz taghha il-partijiet transigew
il-kawza u talbu li din it-transazzjoni tigi nkorporata f' sentenza;
Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut, b' dan li l-modalita' tal-hlas ghandu jkun skond l-imsemmija skrittura ta' transazzjoni.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------